## Malta

# L-ideat ta' Spinelli u Malta

Joseph M. Brincat

Il-*Manifest ta' Ventotene* ġie miktub minn Altiero Spinelli, zagħżugħ komunist, u Ernesto Rossi, ekonomista liberali li ħaddan is-soċjaliżmu tat-tip Ingliż, fis-sajf tal-1941, u ġie stampat bil-ħabi f'Ruma f'Lulju 1943 minn Eugenio Colorni, meta l-belt kienet okkupata min-Nazisti. Il-fatt li nkiteb fi gżira-ħabs jolqotna għax juri kif ambjent żgħir u magħluq nissel viżjoni vasta bbażata fuq il-liberta. It-tlieta kienu ġew turufnati f'Ventotene minn Mussolini, u għalhekk id-dokument hu reazzjoni qawwija kontra loppressjoni nazi-faxxista.

Il-klima politika ta' dak iż-żmien kienet mitlufa fiċ-ċpar tal-biża' mill-istati dittatorjali u mwegħra bil-faqar tal-popli. Il-fehmiet li riedu jsibu soluzzjoni għall-gwaj tas-seklu kienu tnejn: ir-restawr tal-istati demokratiċi u l-idea tal-komuniżmu internazzjonali immexxi mill-Unjoni Sovjetika. Spinelli u Rossi taw messaġġ ġdid biex l-unita u l-liberta tal-Ewropa jgħelbu r-razziżmu nazi-faxxist, imma l-*Manifest* tagħhom, skond il-Professur Francesco Gui tal-Universita ta' Ruma La Sapienza, irribatta wkoll il-*Manifest* ta' Marx u Engels billi sostna l-prinċipju tal-liberta u poġġa l-bniedem bħala "ċentru awtonomu ta' ħajja" biex l-ekonomija tkun sottomessa għall-bniedem u mhux bil-maqlub. B'fużjoni ta' ideat liberali u soċjalisti pproponew partit federalista rivoluzzjonarju li kellu jafferma ruħu malli jaqa' n-nazi-faxxiżmu u qabel ma jirkupraw irreazzjonarji. Imma f'Awwisu 1943 Spinelli, Rossi u Colorni telqu din l-idea u, bl-għan li jiġbru flimkien il-partiti tar-Reżistenza, f'Milan waqqfu l-Moviment Federalista Ewropew.

Wara l-Gwerra d-diviżjoni bejn progressisti u reazzjonarji kienet bejn min ried jibni Federazzjoni Ewropea mill-ewwel, u min ried li tinbena bil-mod. Kienet it-tieni tendenza li sabet il-kunsens, imma Spinelli qatt ma abbanduna l-idea tiegħu, u baqa' jitħabat favur kostituzzjoni Ewropea sal-14 ta' Frar 1984 meta l-Parlament Ewropew approva l-proġett ta' trattat tal-Unjoni Ewropea li baqa' jġib ismu. Spinelli miet sentejn wara.

U f'Malta? Wara l-Gwerra, Malta kienet kolonja Ingliża u fl-ewwel snin it-tilwima kienet jekk ir-rabta mal-Ingilterra kelliex tissaħħaħ jew tinħall, bl-integrazzjoni jew bl-indipendenza. Għal raġunijiet differenti ma jidhirx li Altiero Spinelli kellu kuntatti mal-politiċi tagħna. Il-Partit Nazzjonalista kien minn dejjem iħaddan ideat ewropeisti, anzi jgħid li l-idea fondamentali ta'

Spinelli, li moviment Ewropew iwaqqaf il-gwerer bejn l-istati, kienet diġa ġiet espressa minn Ernesto Manara, wieħed mill-pijunieri tal-partit. Fil-*Gazzetta di Malta* tal-20 ta' April 1892 kiteb "La formazione degli stati uniti d'Europa che oggi i governi e le classi dirigenti ritengono utopia ...", u wera biċ-ċar il-viżjoni tiegħu, li kienet taqbel ma' dik mazzinjana u l-invokazzjoni espressa favur il-Federazzjoni Demokratika Ewropea fl-1867 mill-Kungress internazzjonali għallpaċi f'Ġinevra. F'Malta kolonja dik l-idea ma setgħetx tiżviluppa f'azzjoni imma l-Partit Nazzjonalista kien iqisha bħala ħelsien mill-ħakma Ingliża. Peress li jipprofessa twemmin demokratiku Kristjan, mexa fuq il-passi ta' Schuman, De Gasperi u Adenauer, għax Spinelli kien marbut mal-partiti tax-xellug. Il-Partit Laburista Malti, min-naħa tiegħu, għalkemm kellu affinita ideoloġika ma' Spinelli, ma jidhirx li kkoltiva kuntatti mas-soċjalisti Taljani, għax ipprefera l-mudell laburista Ingliż, u mill-1971 sostna l-ideal talpaċi fil-Mediterran, fejn ir-rwol ta' Malta kellu jkun li sservi ta' pont bejn l-Ewropa t'Isfel u l-Afrika ta' Fuq. Għalkemm qatt ma ddikjara politika deċiża kontra l-idea ta' Ewropa magħquda, l- MLP wera aktar xettiċiżmu milli entużjażmu, speċjalment meta poġġa fuq l-ixkaffa t-talba għall-adeżjoni fl-1996.

Il-Partit Nazzjonalista ħabrek biex Malta tersaq lejn l-Unjoni tal- Ewropa. Mal-kisba tal-Indipendenza fl-1964 George Borg Olivier wera x-xewqa li pajjiżna jidħol fil-Komunita (li twaqqfet u ssaħħet bejn l-1951 u l-1957), imma kien jaħseb li sakemm l-Italja kienet ġewwa u l-Ingilterra le, Malta kellha għażla diffiċli u għalhekk mexa b'passi żgħar. Fl-1965 daħħalha fil-Kunsill tal-Ewropa u fl- 1970 iffirma l-ewwel trattat ta' assoċjazzjoni mal-Komunita. Ilmoviment favur l-adeżjoni ssemma mill-Kunsill Malti tal-Moviment Ewropew fl-1975 u baqa' jikber meta ddikjaraw ruħhom favurha entijiet importanti bħall-Kamra tal-Kummerċ fl-1979, il- Konfederazzjoni tat-Trade Unions fl-1981 u fl-1987, u l-Federazzjoni tal-Industrji Maltin fl-1986. Taħt it-tmexxija ta' Edward Fenech Adami l-Partit Nazzjonalista żied ir-ritmu u fil-Kunsill Ġenerali tal-1990 iddiskuta l-implikazzjonijiet politiċi, ekonomici u soċjali tas-sħubija, u għadda riżoluzzjoni li tħeġġeġ lill-Gvern biex minnufih jitlob formalment li Malta ssir membru sħiħ tal-Komunita Ewropea. Fl-1995 l-Unjoni ħalliet barra lil Malta u lil Ċipru millgrupp tal-membri ġodda u fl-1996 tela' l-Partit Laburista u ssospenda l-proċess. Fl-elezzjoni tal-1998 is-sħubija kienet l-iskop ewlieni, il-Partit Nazzjonalista rebaħ l-elezzjoni u d-diskussjonijiet infetħu fl-2000. Fit-8 ta' Marzu 2003 sar referendum u Malta daħlet membru fl-1 ta' Mejju 2004. Fl-ewwel tas-sena 2008 Malta adottat l-ewro u hekk daħlet ukoll f'dik l-unjoni monetarja li ssemmiet fiddaħla tal-*Manifest*.

# Preżentazzjoni

Eugenio Colorni (Ruma 1944)

Dawn il-ħsibijiet twieldu u nkitbu fil-gżira ta' Ventotene, fis-snin 1941 u 1942. F'dak l-ambjent mhux normali, fis-sikkatura ta' dixxiplina iebsa ħafna, permezz ta' informazzjoni li kienet tinġabar b'elf prekawzjoni, fid-dwejjaq ta' għażż furzat u l-ħerqa li l-ħelsien ma jdumx, kien qed jimmatura f'xi mħuħ proċess ta' tgħarbil tal-problemi kollha li kienu sawru l-iskop innifsu tal-azzjoni li twettqet u tal-mod kif kellha ssir it-taqbida.

'Il-bogħod kif konna mill-ħajja politika konkreta, stajna nħarsu b'distakk akbar, u naraw li kien hemm bżonn li jiġu riveduti ilpożizzjonijiet tradizzjonali, u li r-raġunijiet tal-fallimenti tal-passat ma kienux jinstabu tant fl-iżbalji tekniċi ta' tattika parlamentari jew rivoluzzjonarja, jew f'xi «immaturita» ġenerika tas-sitwazzjoni, daqskemm f'nuqqasijiet tal-impostazzjoni ġenerali. Rajna li kien żball il-fatt li konna tqabadna skont is-soltu linji tal-firda, bi ftit li xejn attenzjoni għall-fatti ġodda li kienu qed ibiddlu r-realta.

Fit-tħejjija biex nikkumbattu b'effiċjenza l-battalja kbira li kienet tidher ġejja fil-futur, konna nħossu l-bżonn mhux biss li nikkoreġu l-iżbalji tal-imgħoddi, iżda li nerġgħu infasslu t-termini tal-problemi politiċi b'moħħ meħlus minn prekonċetti dottrinarji jew millmiti tal-partiti.

Kien b'dan il-mod li, f'moħħ xi wħud, bdiet taqbad l-art l-idea ċentrali illi l-kontradizzjoni essenzjali, responsabbli għall-kriżi, għall-gwerer, għall-miżerji u l-isfruttamenti li jkiddu s-soċjeta tagħna, hi l-eżistenza ta' stati sovrani, magħżulin ġeografikament, ekonomikament, u militarment, li jaraw lill-istati l-oħrajn bħala konkorrenti u għedewwa potenzjali, u jgħixu l-wieħed mal-ieħor f'qagħda dejjiema ta' *bellum omnium contra omnes* (kulħadd kontra kulħadd). Ir-raġunijiet għala din l-idea, li fiha innifisha mhix ġdida, ħadet bixra ta' novita fil-kundizzjonijiet u fl-okkażjoni li fihom inħasbet, huma varji:

1) L-ewwelnett, is-soluzzjoni internazzjonalista, li tidher fil-programm tal-partiti politiċi progressisti kollha, titqies minnhom, f'ċertu sens, bħala konsegwenza neċessarja u kważi awtomatika tal-kisba tal-għanijiet li kull wieħed minnhom irid jilħaq. Id-demokratiċi jidhrilhom li t-twaqqif, fl-ambitu ta' kull pajjiż, tar-reġim propost minnhom, iġib żgur miegħu il-formazzjoni ta' dik il-kuxjenza unitarja li, waqt li tissupera l-fruntieri fil-qasam kulturali u morali, tkun il-premessa li huma jqisu indispensabbli għal għaqda ħielsa ta' popli anki fil-qasam politiku u ekonomiku. U s-soċjalisti, min-naħa tagħhom,

jaħsbu li t-twaqqif ta' reġimi ta' dittatura talproletarjat fid-diversi stati, fiha innifisha twassal għal stat internazzjonali kollettivista.

Issa, analiżi tal-kunċett modern ta' stat u tal-interessi u s-sentimenti kollha marbutin miegħu, turi biċ-ċar li, għalkemm ix-xebh fir-reġim intern jista' jħaffef ir-relazzjonijiet ta' ħbiberija u ta' kollaborazzjoni bejn stat u stat, mhux bilfors iwassal awtomatikament, u lanqas progressivament, għall-unifikazzjoni, sakemm jibqgħu jeżistu interessi u sentimenti kollettivi marbutin maż-żamma ta' għaqda magħluqa ġewwa l-fruntieri. Nafu mill-esperjenza li sentimenti xovinistiċi u interessi protezzjonistiċi jistgħu faċilment iwasslu għall-konflitt u għall-kompetizzjoni wkoll bejn żewġ demokraziji; u mhux bilfors stat soċjalista għani sa jaċċetta li jaqsam irriżorsi tiegħu ma' stat soċjalista ħafna ifqar minnu, sempliċiment għax fih jiggverna reġim bħal tiegħu.

L-abolizzjoni tal-fruntieri politiċi u ekonomiċi bejn stat u ieħor, mela, ma tiġix neċessarjament mit-twaqqif fl-istess żmien ta' reġim intern partikolari f'kull stat; iżda hija problema għaliha, li trid tiġi attakkata b'mezzi xierqa u tajbin għaliha. Tassew, ma tistax tkun soċjalist bla ma tkun ukoll internazzjonalist; iżda dan minħabba rabta ideoloġika, iżjed milli minħabba ħtieġa politika u ekonomika; u mir-rebħa soċjalista fl-istati individwali ma joħroġx neċessarjament l-istat internazzjonali.

2) Barra minn hekk, dak li kien jimbotta biex wieħed jaċċentwa b'mod awtonomu t-teżi federalista, kien il-fatt li l-partiti politiċi eżistenti, marbutin ma' passat ta' taqbidiet miġġielda fl-ambitu ta' kull nazzjon, huma mdorrijin, b'konswetudni u bi tradizzjoni, li meta jiżnu l-problemi kollha jitilqu mill-presuppost taċitu tależistenza tal-istat nazzjonali, u jikkunsidraw il-problemi tas-sistema internazzjonali bħala problemi ta' «politika barranija», li jridu jkunu solvuti b'ħidmiet diplomatiċi u ftehim bejn id-diversi gvernijiet. Dan l-atteġġament huwa inparti kawża, inparti konsegwenza ta' dak li semmejna l-ewwel, jiġifieri li, ladarba wieħed ikollu rriedni tal-kmand f'pajjiżu, il-ftehim u l-għaqda ma' reġimi bħalu f'pajjiżi oħrajn hija ħaġa li tiġi waħedha, mingħajr il-ħtieġa li tinbeda ġlieda politika iddedikata apposta għalhekk.

Bil-maqlub, fl-awturi ta' dawn il-kitbiet kienet rabbiet l-għeruq il-konvinzjoni li min irid iqis il-problema tas-sistema internazzjonali bħala dik ċentrali tal-epoka storika ta' issa, u jikkunsidra ssoluzzjoni tagħha bħala l-premessa neċessarja għas-soluzzjoni talproblemi kollha istituzzjonali, ekonomiċi, soċjali li qed jagħfsu fuq is-soċjeta tagħna, irid bilfors jikkunsidra minn dan l-angolu lkustjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-kuntrasti politiċi interni u l-imġiba ta' kull partit, ukoll fejn tidħol it-tattika u l-istrateġija tat-taqbida ta' kuljum. Il-problemi kollha, minn dik tal-libertajiet kostituzzjonali sa dik tal-ġlieda tal-klassi, minn dik tal-pjanifikazzjoni sa dik tar-rebħa tal-poter u l-użu tiegħu, jidhru f'dawl ġdid jekk jitqiesu bil-premessa, bħala punt tat-tluq,

li l-ewwel għan li jrid jintlaħaq hu dak ta' sistema unitarja fil-kamp internazzjonali. L-istess manuvra politika, li tfittex l-appoġġ ta' waħda jew loħra mill-partijiet fit-taqbida, li tisħaq iżjed fuq fehma politika milli fuq l-oħra, tieħu xejriet differenti sew, skont jekk wieħed jikkunsidrax bħala skop essenzjali l-kisba tal-poter u t-twettiq ta' ċerti riformi fl-ambitu ta' kull stat għalih, jew inkella l-ħolqien tal-premessi ekonomiċi, politiċi, morali għat-twaqqif ta' sistema federali li tħaddan il-kontinent kollu.

3) Raġuni oħra - u forsi l-iżjed importanti - kienet ġejja mill-fatt li l-ideal ta' Federazzjoni Ewropea, preludju għal Federazzjoni Dinjija, waqt li seta' jidher utopija mbiegħda ftit snin biss ilu, illum, fi tmiem din il-gwerra, jidher li huwa għan li jista' jintlaħaq u li kważi qiegħed viċin. Fit-taħlita sħiħa ta' popli li ġab miegħu dan il-konflitt fil-pajjiżi kollha li waqgħu taħt l-okkupazzjoni talĠermaniżi, fil-bżonn li tinbena mill-ġdid fuq pedamenti ġodda ekonomija li għoddha tfarrket għal kollox, u li jitqiegħdu fuq ilmejda l-problemi kollha li għandhom x'jaqsmu mal-konfini politiċi, mal-barrieri tad-dwana, mal-minoranzi etniċi, eċċ.; fil-karattru nnifsu ta' din il-gwerra, li fiha l-element nazzjonali inqabeż hekk sikwit mill-element ideoloġiku, li fiha rajna stati żgħar u medji jirrinunzjaw għall-biċċa l-kbira tas-sovranita tagħhom favur l-istati aktar b'saħħithom, u li fiha min-naħa tal-faxxisti nnifishom ilkunċett ta' ≪spazju vitali≫ ħa post dak ta' «indipendenza nazzjonali». F'dawn l-elementi kollha wieħed jilmaħ dati li jirrendu attwali bħal qatt qabel, f'dan iż-żmien ta' wara l-gwerra, il-problema tassistema federali tal-Ewropa.

Forzi li ġejjin mill-klassijiet soċjali kollha, għal raġunijiet kemm ekonomiċi kemm ta' ideali, jistgħu ikunu interessati fiha. Wieħed ikun jista' joqrob lejha bis-saħħa ta' trattativi diplomatiċi u bissaħħa ta' qawmien popolari; billi jiffavorixxi fost il-klassijiet kolti listudju tal-problemi marbutin magħha, u billi jipprovoka stat ta' rivoluzzjoni, li meta jseħħ ma jkunx iżjed possibbli terġa' lura; billi tinfluwenza l-isferi diriġenti tal-istati rebbieħa, u tmexxi fl-istati telliefa l-kelma li biss f'Ewropa ħielsa u magħquda huma jistgħu isibu s-salvazzjoni tagħhom u jevitaw il-konsegwenzi diżastrużi tat-telfa.

Proprju għalhekk twieled il-Moviment tagħna. Inqisu din il-problema bħala prinċipali, li tiġi qabel kull ħaġa oħra, meta nqabbluha mal-oħrajn kollha li għandna f'din l-epoka li deħlin fiha; ninsabu żguri li, jekk inħallu l-qagħda terġa' tibbies fil-forom qodma nazzjonalistiċi, l-okkażjoni tintilef għal dejjem, u ebda paċi u ġid li jdum ma jista' jinkiseb fil-kontinent tagħna; huwa dan kollu li ġagħlna noħolqu organizzazzjoni awtonoma, bil-ħsieb li nġibu 'l quddiem l-idea tal-Federazzjoni Ewropea bħala għan li jista' jintlaħaq fis-snin li ġejjin ta' wara l-gwerra.

M'aħniex nagħlqu għajnejna għad-diffikultajiet li għandna quddiemna, jew għall-qawwa tal-forzi li sa jaħdmu kontriha; iżda naħsbu li din hi l-ewwel

darba li dil-problema qed titqiegħed fuq il-mejda tal-ġlieda politika, mhux bħala ideal imbiegħed, iżda bħala ħtieġa traġika u urġenti.

Il-Moviment tagħna, li issa ilu sentejn jgħix ħajja moħbija diffiċli taħt l-oppressjoni faxxista u nazista; li l-imseħbin fih ġejjin minn fost il-militanti tal-antifaxxiżmu u huma lkoll magħquda fil-ġlieda armata għall-ħelsien; li diġa ħallas bil-qares tal-ħabs għall-kawża komuni; il-Moviment tagħna ma hux u ma jridx ikun partit politiku. Hekk kif qiegħed dejjem iżjed jiddistingwi ruħu b'mod ċar, huwa jrid jaħdem fuq id-diversi partiti politiċi u fi ħdanhom, mhux biss biex jisħaq iżjed fuq it-talba internazzjonalista, imma wkoll u fuq kollox biex il-problemi kollha tal-ħajja politika tiegħu jiġu mistħarrġa wara li nitilqu minn dan l-angolu viżwali ġdid, li ftit li xejn konna mdorrijin bih sa issa.

M'aħniex partit politiku għaliex, ukoll jekk naħdmu attivament b'risq kull studju li għandu x'jaqsam mas-sistema istituzzjonali, ekonomika u soċjali tal-Federazzjoni Ewropea, ukoll jekk nieħdu sehem attiv fil-ġlieda għat-twettiq tagħha u nħabirku biex niskopru liema forzi jistgħu jaħdmu favurha fil-qagħda politika futura, ma rridux nesprimu fehmitna uffiċjalment fuq id-dettalji istituzzjonali, fuq il-livell akbar jew iżgħar ta' kollettivizzazzjoni ekonomika, fuq għandhiex tkun kbira jew żgħira d-deċentralizzazzjoni amministrattiva, eċċ. eċċ., li għandhom jikkaratterizzaw l-organiżmu federali futur. Inħallu li fi ħdan il-Moviment tagħna dawn il-problemi jiġu diskussi b'mod wiesa' u ħieles, u li t-tendenzi politiċi kollha, minn dik komunista sa dik liberali, ikunu rappreżentati fostna. Fil-fatt, dawk li ngħaqdu magħna huma kważi lkoll attivi f'xi wieħed mill-partiti politiċi progressivi: ilkoll jaqblu fuq ilħidma b'risq dawk li huma l-prinċipji bażilari ta' Federazzjoni Ewropea ħielsa, li ma tistrieħ fuq ebda eġemonija, u lanqas fuq sistemi totalitarji, u li jkollha dik is-solidita strutturali li ma tfaqqarhiex billi tniżżilha għal sempliċi Soċjeta tan-Nazzjonijiet.

Dawn il-prinċipji jistgħu jitqassru fil-punti li ġejjin: armata waħda federali, għaqda monetarja, tneħħija tal-barrieri tad-dwana u tal-limitazzjonijiet għall-emigrazzjoni bejn l-istati tal-Federazzjoni, rappreżentanza diretta taċ-ċittadini f'kull assemblea federali, politika barranija waħda.

F'dawn is-sentejn ta' ħajja, il-Moviment tagħna infirex ħafna fost il-gruppi u l-partiti politiċi antifaxxisti. Uħud minnhom esprimewlna pubblikament l-adeżjoni u s-simpatija tagħhom. Oħrajn sejħulna biex nikkollaboraw fit-tiswir tal-programmi tagħhom. Forsi m'aħniex prużuntużi meta ngħidu li hu sa ċertu punt mertu tagħna jekk il-problemi tal-Federazzjoni Ewropea jiġu ttrattati daqshekk spiss fl-istampa klandestina Taljana. Il-ġurnal tagħna, *L'Unita Europea*, isegwi b'attenzjoni l-ġrajjiet tal-politika interna u internazzjonali, waqt li jieħu pożizzjoni dwarhom b'indipendenza assoluta ta' ġudizzju.

Dawn il-kitbiet, frott tal-elaborazzjoni ta' ideat li wasslet għattwelid tal-Moviment tagħna, ma jirrappreżentawx, madankollu, ħlief l-opinjoni ta' dawk

li kitbuhom, u bl-ebda mod ma jfissru li l- Moviment innifsu ħa xi pożizzjoni. Għandhom biss il-ħsieb li jipproponu temi ta' diskussjoni lil dawk li jixtiequ jerġgħu jaħsbuha fuq il-problemi kollha tal-ħajja politika internazzjonali waqt li jagħtu kaž tal-esperjenzi ideoloġiċi u politiċi l-iżjed reċenti, tarriżultati l-aktar aġġornati tax-xjenza ekonomika, tal-prospettivi li laktar jagħmlu sens u huma raġonevoli għall-ġejjieni.

Ma jdumux ma jkunu segwiti minn studji oħrajn. L-awgurju tagħna huwa li jqajmu ferment ta' ideat; u li, fl-atmosfera preżenti tikwi bil-ħtieġa urġenti tal-azzjoni, jagħtu kontribut ta' kjarifikazzjoni li jirrendi l-azzjoni dejjem aktar deċiża, konxja u responsabbli.

Il-Moviment Taljan għall-Federazzjoni Ewropea
Ruma, 22 ta' Jannar 1944

# GĦAL EWROPA ĦIELSA U MAGĦQUDA
# PROĠETT TA' MANIFEST

## I. Il-Kriżi taċ-ċiviltà moderna

Taċ-ċivilta moderna poġġiet bħala l-pedament tagħha l-prinċipju tal-liberta, li jgħid li l-bniedem m'għandux ikun sempliċi strument f'idejn ħaddieħor, iżda ċentru awtonomu ta' ħajja. B'dan il-kodiċi f'idejna, beda proċess storiku grandjuż ta' dawk l-aspetti kollha tal-ħajja soċjali li ma kinux jirrispettawh.

1) Ġie magħruf li n-nazzjonijiet kollha għandhom dritt indaqs li jorganizzaw ruħhom fi stati indipendenti. Kull poplu, li jintgħaraf mill-karatteristiċi etniċi, ġeografiċi, lingwistiċi u storiċi tiegħu, kellu jsib fl-organiżmu statali maħluq minnu u għalih, skond ilkonċezzjoni partikolari tiegħu tal-ħajja politika, l-istrument biex jissodisfa bl-aħjar mod il-bżonnijiet tiegħu, indipendentement minn kull indħil barrani. L-ideoloġija tal-indipendenza nazzjonali kienet ħmira qawwija tal-progress; għenet biex jingħelbu l-piki lokali mistmerra bis-saħħa ta' sens ta' solidarjeta usa' kontra loppressjoni tad-dominaturi barranin; warrbet ħafna mill-ostakli li kienu jxekklu ċ-ċirkolazzjoni tan-nies u tal-merkanzija; fit-territorju ta' kull stat ġdid wasslet fost il-popolazzjonijiet l-aktar arretrati l-istituzzjonijiet u s-sistemi tal-popolazzjonijiet l-aktar ċivili. Iżda fiha kienet iġġorr iż-żerriegħa tal-imperjaliżmu kapitalista, li lġenerazzjoni tagħna rat jikber daqs ġgant, sa ma ssawru l-istati totalitarji u faqqgħu il-gwerer dinjin.

In-nazzjon issa m'għadux ikkunsidrat bħala l-prodott storiku tal-għajxien flimkien ta' bnedmin li, wara li waslu, bis-saħħa ta' proċess twil, għal għaqda akbar ta' drawwiet u aspirazzjonijiet, isibu fl-istat tagħhom l-għamla l-iżjed effikaċi biex jorganizzaw ilħajja kollettiva fil-kwadru tas-soċjeta umana kollha; minflok, sar entita sovrumana, organiżmu li jrid jaħseb biss għall-eżistenza

tiegħu u għall-iżvilupp tiegħu, bla ma jħabbel rasu xejn mill-ħsara li dan jista' jagħmel lill-oħrajn. Is-sovranita assoluta tal-istati nazzjonali wasslet għall-volonta ta' dominju ta' kull wieħed minnhom, għax kull wieħed iħossu mhedded mill-qawwa tal-oħrajn u jqis «spazju vitali» tiegħu territorji dejjem iżjed vasti, li jippermettulu jiċċaqlaq liberament u jiżgura li jkollu l-mezzi ta' eżistenza bla ma jiddependi minn ħadd. Din ir-rieda ta' dominju ma tistax issib kwiet ħlief fl-eġemonija tal-istat l-aktar b'saħħtu fuq l-oħrajn li jsiru kollha lsiera tiegħu.

B'konsegwenza ta' dan, l-istat, flok dak li jħares il-liberta taċ-ċittadini, inbidel f'sid ta' sudditi qaddejja, mogħni bil-poteri kollha biex jilħaq l-ogħla effiċjenza fil-qasam tal-gwerra.

Anki f'perijodi ta' paċi, li jitqiesu bħala żmien ta' preparazzjoni għall-gwerer li jiġu żgur għax inevitabbli, ir-rieda tal-klassi militari f'bosta pajjiżi llum tirbaħ fuq dik tal-klassi ċivili, u tagħmilha dejjem iżjed diffiċli li s-sistemi politiċi liberi jaħdmu: l-iskola, ixxjenza, il-produzzjoni, l-organiżmu amministrattiv huma qabel kollox immirati biex iżidu l-potenzjal tal-gwerra; l-ommijiet qed jiġu kkunsidrati bħala wellieda ta' suldati, u għalhekk ippremjati bl-istess kriterji li jippremjaw il-bhejjem għammiela fil-fieri; it-tfal jiġu mgħallmin sa minn eta l-aktar tenera s-sengħa tal-armi u jimtlew bl-odju lejn il-barranin, il-libertajiet individwali jiġu fix-xejn, ladarba kulħadd militarizzat u msejjaħ il-ħin kollu biex jagħti servizz militari; il-gwerer waħda wara l-oħra jġagħluk tabbanduna lfamilja, l-impjieg, dak li tippossjedi, u tissagrifika ħajtek stess għal objettivi li ħadd ma jaf tassew is-siwi tagħhom; fi ftit jiem jinqerdu r-riżultati ta' ħafna snin ta' xogħol liried iżid il-ġid kollettiv.

L-istati totalitarji huma dawk li wettqu bil-mod l-aktar koerenti l-unifikazzjoni tal-forzi kollha, billi użaw il-massimu ta' ċentralizzazzjoni u ta' awtarkija, u għalhekk urew li huma l-organiżmi liżjed addattati għall-ambjent internazzjonali tal-lum. Biżżejjed li nazzjon wieħed jagħmel pass 'il quddiem lejn totalitariżmu aktar aċċentwat, biex jimxu warajh l-oħrajn imkaxkrin fl-istess radda mill-volonta li jibqgħu jeżistu.

2) Ġie rikonoxxut id-dritt li ċ-ċittadini kollha għandhom, indaqs, li jsawru l-volonta tal-istat. Din kellha għalhekk tiġbor fiha l-bżonnijiet ekonomiċi u ideoloġiċi, li jinbidlu maż-żmien, tal-kategoriji kollha soċjali, liberament espressi. Organizzazzjoni politika bħal din ippermettiet li jkunu kkoreġuti jew almenu mnaqqsin ħafna mill-inġustizzji l-aktar kbar li ntirtu mir-reġimi tal-passat. Iżda lliberta tal-istampa u ta' assoċjazzjoni, u l-firxa progressiva tad-dritt tal-vot, kienu qed jagħmluha dejjem iżjed diffiċli li jibqgħu il-privileġġi qodma, waqt li titwaqqaf is-sistema rappreżentattiva.

Dawk li ma kellhom ebda proprjeta ftit ftit tgħallmu jinqdew b'dawn l-għodod biex jagħtu s-salt lid-drittijiet li kienu akkwistaw il-klassijiet għonja; it-

taxxi soċjali fuq dħul mhux ġej minn impjieg u fuq is-suċċessjoni, ir-rati progressivi ta' taxxa fuq ġid kbir, l-eżenzjoni tal-qligħ minimu u tal-prodotti ta' ħtieġa ewlenija, l-iskola pubblika bla ħlas, iż-żieda fin-nefqa għall-għajnuna u l-assikurazzjoni soċjali, ir-riformi tal-biedja, il-kontroll tal- fabbriki, kienu jheddu lill-klassijiet privileġġjati fiċ-ċittadelli l-iżjed fortifikati tagħhom.

Imma l-klassijiet privileġġjati, anki dawk li kienu qablu malugwaljanza tad-drittijiet politiċi, ma setgħux jaċċettaw li l-klassijiet foqra jinqdew b'dawn l-istrumenti biex jiksbu dik l-ugwaljanza tassew li kienet tagħti kontenut konkret ta' ħelsien veru lil dawk id-drittijiet. Meta, wara tmiem l-ewwel gwerra dinjija, it-theddida saret gravi wisq, kien naturali li dawn il-klassijiet ċapċpu bil-ħerqa u appoġġaw id-dittatorjati, li kienu ħatfu l-arma tal-liġi minn idejn l-għedewwa tagħhom.

Min-naħa l-oħra, il-formazzjoni ta' kumplessi industrijali u bankarji kbar ħafna u ta' għaqdiet tal-ħaddiema li ġabru taħt tmexxija waħda eżerċti sħaħ ta' ħaddiema, għaqdiet u kumplessi li kienu jagħfsu fuq il-gvern biex jiksbu l-politika li l-aktar taqdi l-interessi partikolari tagħhom, kienet thedded li tkisser lill-istat innifsu f'għadd ta' baruniji ekonomiċi li dejjem jiġġieldu bejniethom. Issistemi demokratiko-liberali, li kienu qegħdin isiru l-għodda li biha jinqdew dawn il-gruppi biex jisfruttaw aħjar il-kollettivita kollha kemm hi, bdew jitilfu dejjem iżjed il-prestiġju tagħhom, u b'hekk xterdet il-konvinzjoni li l-istat totalitarju biss, bit-tneħħija tal-libertajiet popolari, seta' b'xi mod isolvi l-konflitti ta' interessi li l-istituzzjonijiet politiċi eżistenti ma kienx qed jirnexxilhom jikkontrollaw.

Fil-fatt, imbagħad, ir-reġimi totalitarji kkonsolidaw, kollox ma' kollox, il-pożizzjoni tad-diversi kategoriji soċjali fil-qagħda li kienu laħqu, u bil-kontroll polizjesk tal-ħajja kollha taċ-ċittadini u bl-eliminazzjoni vjolenta ta' kull min ma jaqbilx, neħħew kull possibbilta legali li s-sitwazzjoni li fiha kienu l-affarijiet tirranġa. B'hekk ġiet żgurata l-eżistenza tal-klassi għal kollox parassitarja tas-sidien tal-art assenteisti u ta' dawk li jgħixu bir-renti li kienu jikkontribwixxu għall-produzzjoni soċjali billi jaqtgħu biss iċ-ċedoli tat-titoli tagħhom; tal-klassijiet monopolistiċi u tal-kumpaniji b'ħafna friegħi li jisfruttaw lill-konsumaturi u jġibu fix-xejn il-flus ta' dawk li jfaddlu xi somma żgħira; tal-plutokrati li, mistoħbijin wara l-kwinti, jiġbdu l-ispag li jċaqalqu l-pupazzi tan-nies tal-politika biex jidderieġu l-magna kollha tal-istat għall-vantaġġ esklużiv tagħhom infushom, waqt li taparsi qegħdin ifittxu l-ogħla interessi nazzjonali. Jibqgħu ma jinbidlux il-ġid kolossali tal-ftit u l-miżerja tal-massa, eskluża minn kull possibbilta li tgawdi l-frott tal-kultura moderna. Ma jintmissx, fil-linji sostanzjali tiegħu, reġim ekonomiku li fih ir-riżervi materjali u l-forzi tax-xogħol, li jmisshom ikunu indirizzati biex jissodisfaw il-bżonnijiet fondamentali għalliżvilupp tal-enerġiji vitali tal-bniedem, jintużaw minflok għassodisfazzjon

tax-xewqat l-iżjed futili ta' dawk li jistgħu iħallsu logħla prezzijiet; reġim ekonomiku li fih, bid-dritt tas-suċċessjoni, is-setgħa tal-flus tibqa' ddur għal dejjem fl-istess klassi soċjali, u tinbidel fi privileġġ li ma jaqbel xejn mas-siwi soċjali tal-kontribut li fil-fatt jagħtu, u l-possibiltajiet proletarji jibqgħu hekk fil-baxx li, biex jgħixu, l-ħaddiema sikwit iridu bilfors iħallu jisfruttahom lil min joffrilhom kwalunkwe possibilta ta' impjieg.

Biex jinżammu immobilizzati u sottomessi l-klassijiet tal-ħaddiema, l-għaqdiet tal-ħaddiema inbidlu: minn organiżmi ħielsa li jiġġieldu, immexxijin minn individwi li kienu jgawdu l-fiduċja talmembri, saru organi ta' għassa polizjeska, taħt it-tmexxija ta' impjegati magħżulin mill-grupp li jiggverna u li kienu responsabbli lejh biss. Jekk issir xi bidla f'reġim ekonomiku bħal dan, tkun dejjem iddettata biss mill-bżonnijiet tal-militariżmu li saru ħaġa waħda mal-aspirazzjonijiet reazzjonarji tal-klassijiet ipprivileġġjati li jwaqqfu u jikkonsolidaw l-istati totalitarji.

3) Kontra d-dommatiżmu awtoritarju, afferma ruħu l-valur permanenti ta' l-ispirtu kritiku. Dak kollu li kien jingħad, ried jispjega r-raġunijiet tiegħu jew jisparixxi. Ir-rebħiet il-kbar tas-soċjeta tagħna f'kull qasam nafuhom lil dan l-atteġġjament spreġudikat użat b'mod metodiku. Iżda dan il-ħelsien ta' l-ispirtu ma felaħx għall-kriżi li welldet l-istati totalitarji. Dommi ġodda li jridu jiġu aċċettati bil-fidi, jew bl-ipokrisija, qegħdin jagħmluha ta' padruni fix-xjenzi kollha.

Għalkemm ħadd ma jaf x'inhi razza, u t-tagħrif storiku l-aktar elementari juri l-assurdita tal-idea, il-fiżjoloġi qegħdin jintalbu jemmnu, juru u jikkonvinċu li wieħed jappartjeni lil razza eletta, sempliċement għaliex l- imperjaliżmu jeħtieġ dan il-mit biex ikebbes fil-kotra l-odju u l-kburija. Il-kunċetti l-aktar evidenti tax-xjenza ekonomika jridu jitqiesu anatemi biex il-politika awtarkika, liskambji bbilanċjati u l-istrumenti qodma tal-merkantiliżmu jiġu ppreżentati bħala skoperti straordinarji ta' żminijietna. Minħabba l-interdipendenza ekonomika tal-inħawi kollha tad-dinja, id-dinja kollha hija spazju vitali għal kull poplu li jrid iżomm il-livell ta' ħajja li jaqbel maċ-ċivilta moderna; iżda nħolqot it-taparsi xjenza tal-ġeopolitika, li trid turi l-konsistenza tat-teorija tal-ispazji vitali, biex tagħti libsa teorika lir-rieda ta' ħakma tal-imperjaliżmu.

L-istorja tiġi ffalsifikata fid-dati essenzjali, fl-interess tal-klassi li tiggverna. Il-bibljoteki u l-ħwienet tal-kotba jiġu ppurifikati mixxogħlijiet kollha li ma jitqisux ortodossi. Id-dlam tal-oskurantiżmu qiegħed mill-ġdid jhedded li jifga l-ispirtu tal-bniedem. L-istess etika soċjali tal-liberta u tal-ugwaljanza qed tiġi mminata. Il-bnedmin ma għadhomx jitqiesu ċittadini ħielsa, li jinqdew bl-istat biex jilħqu aħjar l-għanijiet kollettivi tagħhom. Huma qaddejja tal-istat, li jiddeċiedi hu liema għandhom ikunu l-għanijiet tagħhom, u ma għandniex xi ngħidu, tittieħed dejjem bħala volonta tal-istat ilvolonta ta' dawk li għandhom

is-setgħa f'idejhom. Il-bnedmin mhumiex iżjed persuni mħarsa mil-liġi, imma, ġew imqiegħda f'ġerarkiji, u għandhom jobdu bla ma jargumentaw lill-awtoritajiet superjuri li fil-quċċata tagħhom hemm kap meqjus qisu alla. Irreġim tal-kasti jerġa' jitwieled prepotenti mill-irmied tiegħu stess.

Din iċ-ċivilta totalitarja reazzjonarja, wara li ttrijonfat f'għadd ta' pajjiżi, fl-aħħar sabet fil-Ġermanja nazista l-qawwa li jidhrilha li għandha twassalha sa l-aħħar konsegwenzi. Wara tħejjija metikoluża, approfittat ruħa b'awdaċja u mingħajr skrupli mir-rivalita, mill-egoiżmi, mill-istupidita ta' ħaddieħor, u kaxkret warajha stati oħrajn Ewropej suġġetti għaliha - l-ewwel fosthom l-Italja - u waqt li ssieħbet mal-Ġappun li għandu għanijiet jixxiebhu fl-Asja, intefgħet għax-xogħol tal-ħakma. Ir-rebħa tagħha tkun tfisser ilkonsolidament aħħari tat-totalitariżmu fid-dinja. Il-karatteristiċi tiegħu kollha jkunu eżasperati għall-aħħar, u l-forzi progressivi jkunu kkundannati għal żmien twil għal sempliċi oppożizzjoni negattiva.

L-arroganza u l-intransiġenza tradizzjonali tal-klassijiet militari Ġermaniżi tista' diġa tagħtina ħjiel ta' kif tkun il-ħakma tagħhom, wara gwerra rebbieħa. Il-Ġermaniżi, rebbiħin, ikunu jistgħu anki jippermettu kisja leqqiena ta' ġenerożita lejn il-popli l-oħrajn Ewropej, jirrispettaw formalment it-territorji u l-istituzzjonijiet politiċi tagħhom, biex b'hekk jiggvernaw waqt li jissodisfaw is-sentiment patrijottiku stupidu li jħares lejn l-ilwien tal-arbli tal-fruntieri u lejn in-nazzjonalita tan-nies tal-politika li jitilgħu fuq il-palk, minflok lejn ir-relazzjoni tal-forzi u lejn il-kontenut effettiv tal-organiżmi tal-istat. Tilbes liema maskra tilbes, ir-realta tibqa' dejjem waħda: tiġdid tal-qasma tal-umanita bejn Spartjati u Iloti.

Barra minn dan anki soluzzjoni ta' kompromess bejn il-partijiet fil-ġlieda, tkun tfisser pass ieħor 'il quddiem tat-totalitariżmu, għax il-pajjiżi kollha li jkunu ħarbu mill-għafsa tal-Ġermanja, ikunu mġiegħlin jadottaw l-istess forom ta' organizzazzjoni politika li għandha hi, biex jitħejjew kif għandu jkun għal meta terġa' tibda l-gwerra.

Iżda l-Ġermanja ta' Hitler, jekk setgħet twaqqa' wieħed wieħed listati minuri, bl-azzjoni tagħha ġagħlet jidħlu fit-taqbida forzi dejjem iżjed qawwijin. Il-kumbattivita qalbiena tal-Gran Britannja, anki filmument l-iżjed kritiku meta kienet baqgħet tieqaf lill-għadu waħedha, ġagħlet lill-Ġermaniżi jmorru jitħabtu kontra r-reżistenza qawwija tal-armata Sovjetika u tat żmien lill-Amerika biex tibda lmobilitazzjoni tar-riżorsi produttivi bla tarf tagħha. U din it-taqbida kontra l-imperjaliżmu Ġermaniż intrabtet mill-qrib ma' dik li lpoplu Ċiniż qed jiġġieled kontra l-imperjaliżmu Ġappuniż.

Mases immensi ta' nies u rikkezzi jinsabu diġa skjerati kontra lpotenzi totalitarji; il-qawwiet ta' dawn il-potenzi waslu fil-quċċata tagħhom, u ma

jistgħux issa ħlief jittieklu progressivament. Dawk ta' kontrihom, bil-maqlub, diġa ssuperaw il-mument tal-agħar depressjoni, u jinsabu telgħin 'il fuq.

Il-gwerra tal-alleati tqajjem mill-ġdid kuljum dejjem iżjed irrieda tal-ħelsien, ukoll fil-pajjiżi li kienu batew il-vjolenza u baqgħu mitlufin bid-daqqa li qalgħu; u tqajjem saħansitra rieda bħalha fl-istess popli tal-potenzi tal-Assi, li qegħdin jintebħu li lmexxejja tagħhom qed ikaxkruhom lejn qagħda ddisprata, sempliċement biex tkun sodisfatta r-regħba għall-ħakma ta' dawk ilmexxejja.

Il-proċess li kien għaddej bil-mod, li bis-saħħa tiegħu mases enormi ta' bnedmin kienu qed iħallu lir-reġim il-ġdid jagħġinhom passivament, billi jadattaw ruħhom għalih u b'hekk isaħħuh, issa waqaf; beda minflok il-proċess kuntrarju. F'din il-mewġa kbira li bil-mod qed tiġma', hemm il-forzi progressivi kollha, dawk ta' moħħ iżjed miftuħ fost il-klassijiet tal-ħaddiema li ma ħallew la tterrur u lanqaz it-tħajjir inessihom l-aspirazzjoni tagħhom għal forma ogħla ta' ħajja; l-elementi l-aktar konxji tal-klassijiet intellettwali, offiżi bid-degradazzjoni li għaliha ġiet suġġetta l-intelliġenza; imprendituri li jħossuhom kapaċi jidħlu għal inizjattivi ġodda u jixtiequ jeħilsu mix-xedd tal-burokrazija u mill-awtarkiji nazzjonali, li jxekklu kull ċaqliqa tagħhom; dawk kollha, fl-aħħarnett, li, għax għandhom minn qaddishom sens ta' dinjita, ma jafux jgħawġu x-xewka ta' daharhom fl-umiljazzjoni tal-qaddejja.

F'idejn dawn il-forzi kollha qiegħda llum is-salvazzjoni taċċivilta tagħna.

## II. Ix-Xogħol ta' wara l-gwerra. L-Għaqda Ewropea

It-telfa tal-Ġermanja ma twassalx pero awtomatikament għas-sistemazzjoni tal-Ewropa skont lideal tagħna taċ-ċivilta. Fil-perijodu qasir u intens ta' kriżi ġenerali (li fih l-istati jkunu mitfugħin flart imfarrkin, li fih il- mases popolari jkunu jistennew bil-ħerqa l-kelma ġdida u jkunu materja maħlula, taħraq nar, li tista' titferra' f'forom ġodda, u jkunu kapaċi jilqgħu il-gwida ta' nies tassew internazzjonalisti), il-klassijiet li l-aktar kellhom privileġġi fis-sistemi nazzjonali l-antiki, jippruvaw bil-qerq u bil-vjolenza li jmewtu l-mewġa tas-sentimenti u tal-passjonijiet internazzjonalisti, u fid-dieher jagħtuha għall-bini mill-ġdid tal-organiżmi statali lantiki. U huwa probabbli li d-diriġenti Ingliżi, forsi bi ftehim ma' dawk Amerikani, jippruvaw jimbuttaw l-affarijiet lejn dik in-naħa, biex jerġgħu jaqbdu l-politika tal-ekwilibrju tal-poteri, f'dak li jkun jidher l-interess immedjat tal-imperi tagħhom.

Il-forzi konservattivi, jiġifieri: id-diriġenti tal-istituzzjonijiet fondamentali ta' l-istati nazzjonali; l-ogħla gradi tal-forzi armati, li fil-quċċata tagħhom hemm, fejn għadhom jeżistu llum, il-monarkiji; dawk il-gruppi tal-kapitaliżmu monopolista li rabtu x-xorti talprofitti tagħhom ma' dawk ta' l-istati; il-proprjetarji l-kbar tal-art u l-ġerarkiji ekkleżjastiċi għoljin li biss minn soċjeta

stabbli konservattiva jistgħu jaraw assigurat id-dħul tagħhom parassitarju; u warajhom il-kotra bla għadd ta' dawk li jiddependu minnhom jew li anki huma biss mgħammxin mis-setgħa tradizzjonali tagħhom; dawn il-forzi reazzjonarji kollha diġa mil-lum qed iħossu li l-bini qed iżaqżaq, u jfittxu li jsalvaw. Meta jaqa', dan iċaħħadhom f'daqqa waħda mill-garanziji kollha li kellhom sa issa, u jesponihom għall-assalt tal-forzi progressisti.

## IS-SITWAZZJONI RIVOLUZZJONARJA: KURRENTI QODMA U ĠODDA

Il-waqgħa tar-reġimi totalitarji tkun tfisser sentimentalment għal popli sħaħ il-miġja tal-«ħelsien»; ikun għab kull rażan, u awtomatikament jirrenjaw libertajiet wiesgħa tal-kelma u ta' assoċjazzjoni. Ikun it-trijonf tat-tendenzi demokratiċi. Dawn għandhom sfumaturi bla għadd, li jinfirxu mill- liberaliżmu konservattiv ħafna sas-soċjaliżmu u l-anarkija. Jemmnu fil-«ġenerazzjoni spontanja» tal-ġrajjiet u tal-istituzzjonijiet, jemmnu li l-impulsi li jiġu minn isfel huma assolutament tajbin. Ma jridux jisfurzaw iżżejjed l-«istorja», il-«poplu», il-«proletarjat» u kull isem ieħor li jagħtu lill-alla tagħhom. Jittamaw b'qalbhom kollha li jintemmu ddittatorjati, waqt li jaħsbu li dan ifisser li l-poplu jerġa' jikseb iddrittijiet impreskrittibbli ta' awtodeterminazzjoni. Il-quċċata talħolm tagħhom hija assemblea kostitwenti eletta b'vot mill-aktar wiesa' u b'rispett mill-aktar skrupluż tad-drittijiet tal-eletturi, li mbagħad tiddeċiedi x'kostituzzjoni għandha tingħata. Jekk il- poplu huwa immatur, tingħata waħda ħażina; iżda din tkun tista' tiġi rranġata biss b'ħidma ma taqta' xejn ta' konvinzjoni.

Id-demokratiċi m'humiex kontra l-vjolenza, bħala prinċipju; iżda jridu jużawha biss meta l-maġġoranza tkun konvinta li hi indispensabbli, jiġifieri proprjament meta m'hi xejn aktar ħlief tikka tista' tgħid bla bżonn li titqiegħed fuq l-«i»; huma għalhekk diriġenti tajbin biss fi żminijiet ta' amministrazzjoni ordinarja, meta l-poplu hu kollox ma' kollox konvint li l-istituzzjonijiet fondamentali huma tajbin, li jridu biss jiġu mirquma f'xi aspetti relattivament sekondarji. Fi żminijiet rivoluzzjonarji, meta l-istituzzjonijiet ma jridux biss jiġu amministrati, iżda jridu jiġu maħluqin, ilprassi demokratika tfalli bil-kbir. L-impotenza li ġġiblek ħasra taddemokratiċi fir-rivoluzzjoni Russa, Ġermaniża, Spanjola, huma tlieta mill-eżempji l-iżjed reċenti. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, meta jkun waqa' l-apparat statali l-qadim, bil-liġijiet u l-amministrazzjoni tiegħu, jinbtu immedjatament, b'wiċċ ta' legalita antika, jew b'disprezz tagħha, kwantita ta' assemblejiet u rappreżentanzi popolari li fihom jinġabru u jħambqu l-forzi kollha soċjali progressisti. Il-poplu tassew għandu xi bżonnijiet fondamentali x'jissodisfa, iżda ma jafx sew xi jrid u x'għandu jagħmel. Elf

qanpiena jdoqqu f'widnejh. Bil-miljuni ta' rjus tiegħu ma jafx fejn jaqbad jagħti rasu, u jitfarrak fi kwantita ta' tendenzi jitqabdu bejniethom.

Fil-mument meta jkun hemm bżonn l-akbar deċiżjoni u qilla, iddemokratiċi jħossuhom mitlufin, għax ma jkollhomx warajhom kunsens popolari spontanju, iżda biss tbaqbiq imċajpar ta' passjonijiet. Jaħsbu li dmirhom hu li jiffurmaw dak il-kunsens, u jippreżentaw ruħhom bħal predikaturi li jħeġġu, meta jkunu meħtieġa kapijiet li jmexxu u jafu fejn iridu jaslu. Jitilfu l-okkażjonijiet favorevoli għat-tisħiħ tar-reġim il-ġdid, għax jippruvaw iħaddmu mill-ewwel organi li għandhom bżonn preparazzjoni twila, u li huma mfassla għal perijodi ta' kwiet relattiv; jagħtu lillavversarji tagħhom armi li mbagħad dawk jużawhom biex iwarrbuhom; jirrappreżentaw, insomma, fl-elf tendenza tagħhom, mhux ir-rieda ta' tiġdid, iżda x-xewqat fiergħa u konfużi li jsaltnu fl-imħuħ kollha, li, billi jipparalizzaw lil xulxin, iħejju art tajba għall-iżvilupp tar-reazzjoni. Il-metodoloġija politika demokratika tkun biss ta' piż fi kriżi rivoluzzjonarja.

Waqt li d-demokratiċi jfettqu fuq it-tifsir tal-kliem u b'hekk jherru l-popolarita li kienu ġabu għall-ewwel bħala kampjuni tal-liberta, fejn m'hemmx rivoluzzjoni politika u soċjali serja, jerġgħu jibdew jinbnew immankabilment l-istituzzjonijiet politiċi pre-totalitarji, u t-taqbida terġa tibda tiżviluppa skont l-iskemi l-qodma talġlieda bejn il-klassijiet.

Il-prinċipju li ma jħallix li l-problemi politiċi kollha jirriduċu ruħhom fl-aħħar mill-aħħar għall-ġlieda tal-klassi, ikkostitwixxa ddirezzjoni fondamentali l-aktar fost il-ħaddiema tal-fabriki, u sewa biex jagħti konsistenza lill-politika tagħhom, sakemm ma kienx hemm kustjoni ta' istituzzjonijiet fondamentali; iżda jinbidel f'għodda ta' iżolament tal-proletarjat meta jkun hemm il-ħtieġa li tiġi ttasformata l-organizzazzjoni tas-soċjeta kollha kemm hi. Ilħaddiema, imrawma b'mod klassista, ma jafux jaraw, allura, ħlief it-talbiet partikolari tal-klassi, jekk mhux tal-kategorija, tagħhom, bla ma jħabblu rashom kif jgħaqqduhom mal-interessi tal-klassijiet l-oħrajn; inkella jaspiraw għad-dittatura unilaterali tal-klassi tagħhom, biex iwettqu l-kollettivizzazzjoni utopistika tal-għodda kollha materjali tal-produzzjoni, indikata minn propaganda sekolari bħala l-aqwa rimedju għat-tbatijiet kollha tagħhom. Din ilpolitika ma taqbad art fl-ebda klassi oħra, ħlief dik tal-ħaddiema, li b'hekk iċaħħdu lill-forzi progressivi l-oħrajn mill-appoġġ tagħhom, jew iħalluhom jaqgħu taħt idejn ir-reazzjoni li torganizzahom bil-għaqal biex iddgħajjef is-sinsla tal-istess moviment proletarju.

Fost id-diversi tendenzi proletarji, segwaċi tal-politika klassista u tal-ideal kollettivista, il-komunisti għarfu d-diffikulta li tikseb biżżejjed forzi warajk biex tirbaħ, u għaldaqstant - bil-maqlub talpartiti popolari l-oħrajn - inbidlu f'moviment b'dixxiplina riġida, li jisfrutta l-mit Russu li jrid jorganizza l-

ħaddiema, iżda ma jħallihomx jiddettawlu huma, u jużahom f'manuvri ta' kull xorta.

Dan l-atteġġament jirrendi l-komunisti, fil-kriżijijiet rivoluzzjonarji, iżjed effiċjenti mid-demokratiċi; iżda, billi huma jżommu kemm jista' jkun 'il bogħod il-klassijiet tal-ħaddiema mill-forzi rivoluzzjonarji l-oħra - għax jippridkaw li r-rivoluzzjoni «vera» tagħhom għad trid tiġi - jikkostitwixxu, fil-mumenti deċiżivi, element settarju li jdgħajjef kollox. Barra minn hekk, id-dipendenza assoluta tagħhom mill-istat Russu, li użahom darba wara l-oħra biex jilħaq l-għan tal-politika nazzjonali tiegħu, ma tħallihom jiżvolġu ebda politika b'kontinwita. Dejjem għandhom bżonn jistaħbew wara xi Karoly, xi Blum, xi Negrin, biex imbagħad faċilment jitkissru flimkien mal-pupi demokratiċi użati; għax is-setgħa tinkiseb u tinżamm mhux bil-ħżunija biss, iżda bil-ħila li twieġeb b'mod strutturat u vitali għan-neċessita tas-soċjeta moderna.

Jekk għada l-ġlieda tibqa' ristretta għall-qasam nazzjonali tradizzjonali, ikun diffiċli ħafna li wieħed jaħrab id-dilemmi l-antiki. L-istati nazzjonali infatti diġa ppjanaw mill-qiegħ l-ekonomiji rispettivi tagħom, tant li l-kustjoni ċentrali ssir malajr dik li tagħraf liema grupp ta' interessi ekonomiċi (jiġifieri liema klassi) għandu jżomm f'idejh it-tmun tal-pjan. Il-front tal-forzi progressisti jitfarrak faċilment fit-taqtigħa bejn klassijiet u kategoriji ekonomiċi. Blakbar probabbilta ir-reazzjonarji jkunu dawk li jgawdu minn dan. Moviment tassew rivoluzzjonarju jrid jinbet minn fost dawk li għarfu jikkritikaw il-forom politiċi l-qodma; irid ikun jaf jikkollabora mal-forzi demokratiċi, ma' dawk komunisti, u b'mod ġenerali ma' kull min jikkopera għat-tmermir tat-totalitariżmu; iżda bla ma jħalli ebda forza minnhom taqbdu fix-xibka tal-prassi politika tagħha.

Il-forzi reazzjonarji għandhom nies u diriġenti ta' ħila u li tgħallmu jikkmandaw, li jikkumbattu bil-kbir biex iżommu s-supremazija tagħhom. Fil-mument gravi jagħrfu jippreżentaw ruħhom mibdulin tajjeb ħafna, jistqarru li huma jħobbu l-ħelsien, is-sliem, il-ġid ta' kulħadd, il-klassijiet l-iżjed foqra. Diġa fl-imgħoddi rajna kif iddeffsu wara l-movimenti popolari, u pparalizzawhom, għawġulhom it-triq u bidluhom sewwasew fil-maqlub ta' dak li riedu. Bla dubju jkunu l-forza l-aktar perikoluża li magħha jkunu jridu jissieltu.

Il-punt li fuqu jridu jagħfsu l-aktar ikun ir-restawrazzjoni talistat nazzjonali. B'hekk ikunu jistgħu jinsistu fuq is-sentiment popolari l-iżjed mifrux, l-iżjed offiż mill-movimenti reċenti, l-iżjed wieħed li tista' tużah faċilment għal għanijiet reazzjonarji: is-sentiment patrijottiku. B'dan il-mod jistgħu ukoll jittamaw li jsibuha eħfef iħawdu l-imħuħ tal-avversarji, meta tqis li għall-qtajja' popolari l-unika esperjenza politika li kisbu sa issa hi dik li qed tiżviluppa fl-ambitu nazzjonali, u għalhekk hi ħaġa aktarx ħafifa li tindirizza

kemm lilhom u kemm lil dawk fost il-kapijiet tagħhom li jaraw biss sa mneħirhom lejn it-triq tar-rikostruzzjoni tal-istati mwaqqgħin mir-riefnu.

Jekk dan l-għan jintlaħaq, ir-reazzjoni tkun rebħet. Anki jekk dawn l-istati jistgħu jidhru demokratiċi u soċjalisti ħafna; ir-ritorn tas-setgħa f'idejn ir-reazzjonarji tkun biss kustjoni ta' żmien. Terġa' tqum l-għira bejn in-nazzjonijiet, u kull stat iqiegħed mill-ġdid issodisfazzjon tal-esiġenzi tiegħu fil-qawwa tal-armi biss. Fi żmien aktarx qasir jerġa' jinħass dmir ewlieni li il-popli isiru eżerċti. Il- ġenerali jerġgħu jibdew jikkmandaw, il-monopolisti japprofittaw mill-awtarkiji, il-qtajja' tal-burokrazija joktru, u l-qassisin iżommu l-kotra kwieta. Dak kollu li jkun inkiseb fl-ewwel żmien jinxef bħalli xejn, quddiem il-ħtieġa ta' tħejjija mill-ġdid għall-gwerra.

Il-problema li qabelxejn trid tiġi solvuta, u jekk infallu f'dan kull progress ieħor ikun biss tal-parenza, hi l-abolizzjoni definittiva tattqassim tal-Ewropa fi stati nazzjonali sovrani. Il-waqgħa tal-biċċa l-kbira tal-istati tal-kontinent taħt ir-romblu kompressur Ġermaniż diġa għaqqdet flimkien ix-xorti tal-popli Ewropej, li, jew kollha f'daqqa joqogħdu għall-ħakma Ħitlerjana, jew kollha f'daqqa jidħlu, bil-waqgħa tagħha, fi kriżi rivoluzzjonarja li fiha ma jsibux ruħhom imwebbsin u magħżulin fi strutturi statali solidi.

Bħalissa l-imħuħ huma diġa iżjed lesti jilqgħu ir-riorganizzazzjoni federali tal-Ewropa milli kienu fl-imgħoddi. L-esperjenza ħarxa ta' dawn l-aħħar deċenni fetħet għajnejn ukoll min ma riedx jara, u mmaturat ħafna ċirkustanzi li jaffovorixxu l-ideal tagħna.

Il-bnedmin raġonevoli kollha issa jirrikonoxxu li ma jistax jinżamm ekwilibrju ta' stati Ewropej indipendenti, bil-Ġermanja militarista tgħix magħhom b'kondizzjonijiet indaqs mal-pajjiżi loħra, u lanqas ma jista' jkun li taqsam il-Ġermanja f'biċċiet meta tkun mirbuħa u żżomm sieqek fuq għonqha. Deher b'mod evidenti u bil-provi li ebda pajjiż fl-Ewropa ma jista' jinqata' għalih waħdu waqt li l-oħrajn jiġġieldu, u li ma jiswew xejn id-dikjarazzjonijiet ta' newtralita u l-patti ta' non-aggressjoni. Illum rajna l-inutilita, anzi l-ħsara, li jagħmlu organiżmi tat-tip tas-Soċjeta tan- Nazzjonijiet, li ppretendiet li tiggarantixxi dritt internazzjonali mingħajr qawwa militari kapaċi li timponi d-deċiżjonijiet li tieħu, u waqt li tirrispetta s-sovranita assoluta tal-istati parteċipanti. Irriżulta assurd il-prinċipju ta' non-intervent, li jgħid li kull poplu għandu jitħalla ħieles li jagħżel il-gvern dispotiku li jrid, bħallikieku l-kostituzzjoni interna ta' kull stat individwali ma kinitx ta' interess vitali għall-pajjiżi l-oħra kollha Ewropej. Bla soluzzjoni jidhru l-ħafna problemi li qed javvelenaw il-ħajja internazzjonali tal-kontinent - il-linja tal-konfini fiż-żoni b'popolazzjoni mħallta, id-difiża tal-minoranzi etniċi, l-iżbokk għall-baħar tal-pajjiżi li jinsabu fl-intern, il-kustjoni tal-Balkani, il-kustjoni Irlandiża, eċċ. - li ssib fil-Federazzjoni Ewropea s-soluzzjoni l-iżjed sempliċi - kif sabuha fl-

imgħoddi l-problemi simili tal-istati ċkejknin li daħlu jagħmlu sehem mill-għaqda usa' nazzjonali wara li warrbu l-imrar, għax inbidlu fi problemi ta' relazzjonijiet bejn id-diversi provinċji.

Min-naħa l-oħra, it-tmiem tas-sens ta' sigurta li kien ġej millfehma li l-Gran Britannja kienet inattakkabbli, u li kien ta' lill- Ingliżi l-idea li jgħixu fi «splendid isolation», il-mod kif sfaxxat larmata u l-istess repubblika Franċiża ma' l-ewwel ħbit serju talqawwiet Ġermaniżi (riżultat li wieħed jittama naqqas sewwa lkonvinzjoni xovinista tas-superjorita gallika assoluta) u speċjalment l-għarfien ta' kemm kien gravi l-periklu ta' jasar ġenerali, huma kollha ċirkostanzi li jiffavorixxu l-kostituzzjoni ta' reġim federali, li jġib fi tmiemha l-anarkija li hawn bħalissa. U l-fatt li l- Ingilterra issa aċċettat il-prinċipju tal-indipendenza Indjana, u li Franza, bir-rikonoxximent tat-telfa, prattikament tilfet l-imperu kollu tagħha, jagħmluha ħaġa eħfef li tinsab ukoll bażi ta' ftehim għal soluzzjoni Ewropea fil-possedimenti kolonjali.

Ma' dak li semmejna rridu nżidu fl-aħħarnett li xi dinastiji ewlenin m'għadomx jeżistu, u li dawk li fadal qed jistrieħu fuq pedamenti fraġili. Ta' min jagħti każ, infatti, li d-dinastiji, li kienu jqisu d-diversi pajjiżi prerogattiva tradizzjonali tagħhom, kienu jirrappreżentaw, flimkien mal-interessi qawwija li kienu jistrieħu fuqhom, ostaklu serju għall-organizzazzjoni razzjonali tal-iStati Uniti tal-Ewropa, li ma jistgħux jinbnew ħlief fuq il-kostituzzjoni repubblikana tal-pajjiżi kollha mseħbin. U meta, lil hinn mix-xefaq tal-kontinent l-antik, wieħed iħaddan f'viżjoni sħiħa l-popli kollha li jiffurmaw l-umanita, wieħed bilfors jagħraf li l-Federazzjoni Ewropea hija l-unika garanzija konċepibbli biex ir-relazzjonijiet mal-popli Asjatiċi u Amerikani jkunu jistgħu iseħħu fuq bażi ta' koperazzjoni paċifika, sakemm jasal futur iżjed imbiegħed, li fih issir possibbli l-unita politika tad-dinja kollha.

Għalhekk illum il-linja li tifred il-partiti progressisti mill-partiti reazzjonarji ma tinsabx matul il-linja formali li tiġi stabbilita aktar jew anqas demokrazija, jew aktar jew anqas soċjaliżmu, iżda matul il-linja ġdida fjamanta u sostanzjali li tifred lil dawk li jikkonċepixxu bħala għan essenzjali tal-lotta l-għan antik, jiġifieri l-kisba tassetgħa politika nazzjonali - u li, ukoll jekk involontarjament, jaqgħu għal-logħba tal-forzi reazzjonarji billi jħallu tibbies il-lava ħamra nar tal-passjonijiet popolari fil-forma l-qadima, u jħallu jqumu mill-ġdid l-assurditajiet antiki - u dawk li jaraw bħala dmir ċentrali l-ħolqien ta' stat internazzjonali solidu, li jmexxu lejn dan l-għan il-forzi popolari u, wkoll meta jirbħu l-poter f'pajjiżhom, jużawh l-ewwel u qabel kollox bħala għodda biex isseħħ l-għaqda internazzjonali.

Bil-propaganda u bl-azzjoni, waqt li wieħed ifittex li jistabbilixxi b'kull mod ftehim u rabtiet bejn il-movimenti individwali li ċertament qegħdin jissawru fid-diversi pajjiżi, jeħtieġ li minn issa jitqiegħdu l-pedamenti ta'

moviment li jkun jaf iqanqal il-forzi kollha ħalli jwelled l-organiżmu ġdid li jkun il-kreazzjoni l-iżjed grandjuża u l-iżjed innovatriċi li nibtet fl-Ewropa għal sekli sħaħ; biex iwaqqaf stat federali b'saħħtu, li jkollu forza armata Ewropea minflok l-eżerċti nazzjonali; ifarrak b'deċiżjoni l-awtarkiji ekonomiċi, li huma is-sinsla tar-reġimi totalitarji; ikollu l-organi u l-mezzi suffiċjenti biex jara li jiġu esegwiti fl-istati federali individwali iddeċiżjonijiet tiegħu li ttieħdu bil-ħsieb li tinżamm l-ordni komuni, imma li jħalli lill-istati infushom dik l-awtonomija li tippermetti artikolazzjoni flessibbli u l-iżvilupp ta' ħajja politika skont ixxejriet partikolari tad-diversi popli.

Jekk fil-pajjiżi Ewropej ewlenin ikun hemm numru kbir biżżejjed ta' nies li jifhmu dan, ir-rebħa tkun f'idejhom fi żmien qasir, għax is-sitwazzjoni u l-qlub ikunu favorevoli għall-ħidma tagħhom. Huma jkollhom quddiemhom partiti u tendenzi diġa lkoll skwalifikati mill-esperjenza diżastruża tal-aħħar għoxrin sena. Billi tkun waslet is-siegħa ta' ħidmiet ġodda, tkun ukoll issiegħa ta' bnedmin ġodda: tal-MOVIMENT GĦALL-EWROPA ĦIELSA U MAGĦQUDA.

## III. Ix-Xogħol ta' wara l-gwerra. Ir-riforma tas-Soċjetà

Ewropa ħielsa u magħquda hija premessa neċessarja għat-tisħiħ taċ- ċivilta moderna, li tagħha lepoka totalitarja tidher bħala waqfa. It-tmiem ta' din l-epoka jerġa' mill-ewwel jiftaħ bis-sħiħ ilproċess storiku kontra d-diżugwaljanza u l-privileġġi soċjali. L-istituzzjonijiet konservattivi l-antiki kollha li ma kinux qed iħalluh iseħħ ikunu waqgħu jew waslu biex; u dil-kriżi tagħhom trid tiġi sfruttata b'kuraġġ u determinazzjoni.

Ir-rivoluzzjoni Ewropea, biex tissodisfa l-ħtiġijiet tagħna, trid tkun soċjalista, jiġifieri trid taħdem għall-emanċipazzjoni tal-klassijiet tal-ħaddiema u tiksbilhom kondizzjonijiet ta' ħajja iżjed umani. Madankollu l-boxxla li turi x'deċiżjonijiet għandhom jittieħdu għal dan l-għan ma tistax tkun il-prinċipju purament dottrinarju li jgħid li l-proprjeta privata tal-mezzi materjali tal-produzzjoni trid tkun per prinċipju abolita u ttollerata biss b'mod proviżorju, meta proprju ma jistax isir mod ieħor. Li l-ekonomija kollha tgħaddi f'idejn l-istat kienet l-ewwel forma utopistika li fiha l-klassijiet tal-ħaddiema raw il-ħelsien tagħhom mill-madmad kapitalista; iżda, meta titwettaq għal kollox, ma twassalx għall-iskop li noħolmu, iżda għat-twaqqif ta' reġim li fih il-popolazzjoni ssir qaddejja tal-klassi ristretta tal-burokati li jmexxu l-ekonomija.

Il-prinċipju tassew fondamentali tas-soċjaliżmu, u li tiegħu dak tal-kollettivizzazzjoni ġenerali ma kienx għajr deduzzjoni mgħaġġla u ħażina, huwa dak li jgħid li l-forzi ekonomiċi m'għandhomx jiddominaw lill-bnedmin, iżda - kif jiġri lillforzi naturali - għandhom huma jkunu sottomessi, iggwidati, ikkontrollati b'mod l-iżjed razzjonali, sabiex il-kotra l-kbira tan-nies ma tisfax

vittma tagħhom. Il-forzi kbar tal-progress li joħorġu mill-interess individwali, m'għandhomx jinħlew flilma qiegħed tar-rutina biex imbagħad isibu ma' wiċċhom ilproblema bla soluzzjoni ta' kif terġa' tqajjem l-ispirtu ta' inizjattiva bid-differenzi fil-pagi, u bil-provvedimenti l-oħra bħalhom; bil-maqlub, dawk il-forzi għandhom ikunu eżaltati u mifruxin bl-offerta ta' opportunita akbar ta' żvilupp u ta' impjieg, u fl-istess ħin iridu jissaħħu u jkunu pperfezzjonati lħitan ta' lqugħ li jmexxuhom lejn miri iżjed vantaġġużi għallkollettivita kollha.

Il-proprjeta privata għandha tkun abolita, limitata, ikkoreġuta, estiża kas kas, mhux b'mod dommatiku bħala prinċipju. Din iddirettiva tidħol b'mod naturali fil-proċess ta' formazzjoni ta' ħajja ekonomika Ewropea meħlusa mill-inkubi tal-militariżmu u talburokratiżmu nazzjonali. Is-soluzzjoni razzjonali trid tieħu post dik irrazzjonali, anki fil-kuxjenza tal-ħaddiema. Billi nixtiequ nindikaw b'mod iżjed dettaljat il-kontenut ta' din id-direttiva, u billi nagħrfu li l-konvenjenza u l-mod ta' twettiq ta' kull punt programmatiku jridu dejjem jiġu ġġudikati f'relazzjoni mal-presuppost illum indispensabbli tal-għaqda Ewropea, qegħdin nisħqu fuq ilpunti li ġejjin:

a) Ma jistgħux jitħallew iżjed f'idejn il-privat l-impriżi li, billi jwettqu ħidma neċessarjament monopolistika, ikunu f'qagħda li jisfruttaw il-massa tal-konsumaturi; ngħidu aħna l-industrji talelettriku, l-impriżi li jridu jinżammu ħajjin għal raġunijiet ta' interess kollettiv iżda li, biex jieqfu fuq saqajhom, jeħtieġu dazji protettivi, sussidji, ordnijiet favorevoli, eċċ. (l-eżempju l-aktar ċar ta' dan it-tip ta' industrja fl-Italja sa issa hi s-siderurġija); u l-impriżi li minħabba l-kobor tal-kapitali investiti u l-għadd ta' ħaddiema li għandhom, jew minħabba l-importanza tas-settur li jiddominaw, jistgħu jirrikattaw lill-organi tal-istat u jimponu l-politika l-iżjed vantaġġuża għalihom (per eż.: l-industrji tal-minjieri, istituti bankarji kbar, armamenti kbar). Dan huwa l-qasam li fih wieħed għandu bla dubju jimxi lejn nazzjonalizzazzjoni fuq skala kbira ħafna, bla ma jħares xejn lejn il-jeddijiet miksubin.

b) Il-karatteristiċi li kellhom fil-passat id-dritt tal-proprjeta u ddritt tas-suċċessjoni, ħallew jinġemgħu f'idejn ftit privileġġjati rikkezzi li jaqbel li jitqassmu waqt kriżi rivoluzzjonarja b'sens ta' ugwaljanza, biex jiġu eliminati l-klassijiet parassitarji u biex il-ħaddiema jingħataw l-għodda tal-produzzjoni li jeħtieġu, biex itejbu l-kundizzjonijiet ekonomiċi u jaslu għal aktar indipendenza fil-ħajja. Qegħdin naħsbu, jiġifieri, f'riforma agrarja li tgħaddi l-art lil min jaħdimha u b'hekk tkabbar bil-bosta l-għadd tal-proprjetarji, u f'riforma industrjali li testendi l-proprjeta tal-ħaddiema fis-setturi mhux statali, bit-tmexxija koperattiva, ishma tal-ħaddiema, eċċ.

ċ) Iż-żgħażagħ għandhom jingħataw għajnuna bi provvedimenti meħtieġa biex jitnaqqsu kemm jista' jkun id-distanzi bejn ilpożizzjonijiet tat-tluq fit-taqbida tal-ħajja. B'mod partikolari, liskola pubblika għandha tagħti l-

possibilitajiet effettivi biex jitkompla l-istudju sal-livelli superjuri lil min hu l-iżjed maqtugħ għalihom, u mhux lil min għandu l-flus; u għandha tħejji f'kull fergħa ta' studji, li jwasslu għad-diversi snajja' u għad-diversi attivitajiet liberali u xjentifiċi, numru ta' individwi li jikkorrispondi mat-talba tas-suq, hekk li l-ħlasijiet medji jirriżultaw imbagħad bejn wieħed u ieħor indaqs għall-kategoriji professjonali kollha, ikunu xi jkunu d-differenzi fil-ħlas fi ħdan kull kategorija, skont iddiversi ħiliet individwali.

d) Il-possibbilta kważi bla limiti tal-produzzjoni bil-massa talġeneri ta' ħtieġa ewlenija, bit-teknika moderna, tippermetti llum li, b'nefqa soċjali relattivament żgħira, kulħadd ikollu x'jiekol, fejn joqgħod u x'jilbes, bil-kumdita minima neċessarja biex jinżamm issens ta' dinjita umana. Is-solidarjeta umana lejn dawk li joħorġu tellifin fil-ġlieda ekonomika, ma jkollhiex, għalhekk, għalfejn tintwera bil-forom tal-karita li huma dejjem umiljanti u li xorta jġibu t-tbatija li jkunu qed jippruvaw ineħħu l-konsegwenzi tagħha, iżda f'sensiela ta' provvedimenti li jiggarantixxu bla kundizzjonijiet lil kulħadd, lil min jista' jew ma jistax jaħdem, livell ta' għajxien deċenti, mingħajr ma jnaqqsu l-ħajra għax-xogħol u t-tifdil. B'hekk ħadd ma jkun iżjed imġiegħel mill-miżerja biex jaċċetta kuntratti ta' xogħol li jgħallquh.

e) Il-ħelsien tal-klassijiet tal-ħaddiema jista' jseħħ biss jekk jitwettqu l-kundizzjonijiet li semmejna fil-punti preċedenti: u mhux jekk jitħallew jaqgħu f'idejn il-politika ekonomika tal-għaqdiet monopolistiċi tal-ħaddiema, li sempliċiment iġorru fil-qasam talħaddiema l-metodi għakkiesa karatteristiċi, l-ewwelnett, tal-kapitali l-kbar. Il-ħaddiema jridu jerġgħu ikunu ħielsa li jagħżlu 'l min jafdaw biex jinnegozja f'isimhom ilkoll il-kundizzjonijiet li taħthom jagħtu xogħolhom, u l-istat għandu jipprovdi l-mezzi talliġi biex jiggarantixxi li l-ftehim milħuq jiġi osservat; iżda t-tendenzi monopolistiċi kollha jistgħu jiġu kkumbattuti b'mod effikaċi, ladarba jkunu seħħu dawk il-bidliet soċjali.

Dawn huma l-bidliet meħtieġa biex noħolqu madwar l-ordni lġdid firxa wiesa' ta' ċittadini li jridu jżommuh ħaj, u biex tingħata lill-ħajja politika marka b'saħħitha ta' ħelsien, mimlija b'sens qawwi ta' solidarjeta soċjali.

Fuq dawn is-sisien, il-libertajiet politiċi jkunu jistgħu tassew ikollhom kontenut konkret, u mhux biss formali, għal kulħadd, billi l-massa taċ-ċittadini jkollha indipendenza u tagħrif suffiċjenti biex teżerċita kontroll kontinwu u effikaċi fuq il-klassi tal-gvern.

Ikun żejjed li nieqfu nikkonsidraw l-istituzzjonijiet kostituzzjonali, peress li ma nistgħux nobsru l-kundizzjonijiet li fihom iridu jinbtu u jaħdmu, u nkunu biss qed nirrepetu dak li kulħadd diġa jaf fuq il-bżonn ta' organi rappreżentattivi, fuq it-tiswir tal-liġijiet, fuq l-indipendenza tal-maġistratura li tieħu post dik ta' issa għallapplikazzjoni imparzjali tal-liġijiet, fuq il-liberta tal-istampa u ta' assoċjazzjoni biex iddawwal l-opinjoni pubblika u tagħti liċ-

ċittadini kollha l-possibbilta li jieħdu sehem effettiv fil-ħajja tal-istat. Fuq żewġ kustjonijiet biss huwa meħtieġ li jitfissru aħjar l-ideat, minħabba l-importanza partikolari tagħhom f'dan il-mument li fih jinsab pajjiżna: ir-relazzjonijiet tal-istat mal-knisja u l-karattru tarrappreżentanza politika:

a) Il-konkordat li bih fl-Italja l-Vatikan għamel alleanza mal-faxxiżmu għandu bla dubju jkun abolit biex ikun affermat il-karattru purament lajk tal-istat, u biex tkun iffissata b'mod ċar u ċert issupremazija tal-istat fuq il-ħajja ċivili. Kull twemmin reliġjuż għandu jkun irrispettat, iżda l-istat ma għandux joqgħod iqabbel il-kulti.

b) Id-dar tal-kartapesta li bena l-faxxiżmu bis-sistema korporattiva taqa' biċċiet flimkien mal-partijiet l-oħrajn tal-istat totalitarju. Hemm min jaħseb li għada pitgħada minn dawn il-fdalijiet wieħed jista' jieħu l-materjal għall-ordni kostituzzjonali ġdid. Aħna dan ma nemmnuhx. Fl-istati totalitarji, il-kmamar korporattivi huma l-farsa li tiġġustifika l-kontroll polizjesk fuq il-ħaddiema. Anki li kieku l-kmamar korporattivi kienu l-espressjoni sinċiera tad-diversi kategoriji tal-produtturi, l-organi ta' rappreżentanza tad-diversi kategoriji professjonali ma jistgħu qatt ikunu kwalifikati biex jinnegozjaw kustjonijiet ta' politika ġenerali, u fil-kustjonijiet iżjed proprjament ekonomiċi dawn jsiru organi ta' tgħakkis tal-kategoriji l-iżjed b'saħħithom bħala *unions*. L-għaqdiet tal-ħaddiema jingħataw funzjonijiet wesgħin ta' kollaborazzjoni mal-organi statali inkarigati biex isolvu l-problemi li jolqtuhom l-aktar direttament, iżda hu bla dubju eskluż li jiġu fdati b'xi funzjoni leġiżlattiva, għax ir-riżultat ikun anarkija fewdali fil-ħajja ekonomika, li tispiċċa f'dispotiżmu politiku mġedded. Ħafna li inġenwament inqabdu mill-mit tal-korporattiviżmu, jistgħu u għandhom jiġu mħajrin jersqu lejn il-ħidma ta' tiġdid; iżda jeħtieġ jintebħu kemm hi assurda s-soluzzjoni li b'mod konfuż kienu ħolmu huma. Il-korporattiviżmu ma jistax ikollu ħajja konkreta ħlief fil-forma li ħa fl-istati totalitarji, biex jirriġmenta lill-ħaddiema taħt uffiċjali li jikkontrollaw kull ċaqliqa tagħhom fl-interess tal-klassi fil-gvern.

Il-partit rivoluzzjonarju ma jistax jitwaqqaf malajr malajr b'mod dilettantesk f'mument deċiżiv, iżda jeħtieġlu sa minn issa jibda jissawwar almenu fl-atteġġament politiku ċentrali tiegħu, fit-tmexxija ġenerali u fl-ewwel linji ta' azzjoni. Huwa ma jridx jirrappreżenta massa eteroġenja ta' tendenzi, magħqudin biss b'mod negattiv u għal ftit żmien, jiġifieri magħquda biss għax kienu antifaxxisti u għax qed jistennew il-waqgħa tar-reġim totalitarju, u mbagħad, malli jintlaħaq dak l-għan, jitferrxu kullħadd għal rasu. Għall-kuntrarju l-partit rivoluzzjonarju jaf li proprju dak il-ħin tibda il-ħidma vera tiegħu; u jrid għalhekk jitwaqqaf minn nies li jkunu jaqblu fuq il-problemi prinċipali tal-futur.

Irid jidħol bil-propaganda metodika tiegħu kulfejn hemm nies li huma mgħakksin mir-reġim tal-lum, u, waqt li jieħu bħala punt ta' tluq il-problema li minn darba għall-oħra tinħass bħala dik li ġġib l-akbar tbatija lill-individwi u lill-klassijiet, juri kif din hija konnessa ma' problemi oħra, u jbassar liema tista' tkun is-soluzzjoni vera tagħhom. Iżda mill-isfera dejjem tikber ta' dawk li jissimpatizzaw miegħu, irid jagħżel u jirrekluta għall-organizzazzjoni tal-moviment lil dawk biss li għamlu r-rivoluzzjoni Ewropea l-iskop ewlieni ta' ħajjithom; li b'mod iddixxiplinat ikunu jistgħu iwettqu jum wara jum ix-xogħol meħtieġ, jipprovvdu b'mod għaqli għas-sigurta kontinwa u effikaċi tiegħu, ukoll fis-sitwazzjonijiet ta' illegalita l-aktar iebsa, u hekk jinsġu x-xibka b'saħħitha li tagħti konsistenza lill-isfera iżjed fraġli tas-simpatizzanti.

Ukoll jekk ma jittraskura ebda okkażjoni u ebda qasam biex jiżra' l-kelma tiegħu, il-partit irid iwettaq il-ħidma bieżla tiegħu l-ewwelnett f'dawk l-ambjenti li huma iżjed importanti bħala ċentru ta' tixrid ta' ideat u bħala ċentru ta' reklutaġġ ta' nies kumbattivi; qabelxejn lejn iż-żewġ gruppi soċjali l-iżjed sensittivi filqagħda tal-lum, u deċiżivi f'dik ta' għada; jiġifieri l-klassi talħaddiema u dik tal-intellettwali. Il-klassi tal-ħaddiema kienet dik li l-anqas li qagħdet għas-swat totalitarju, u li kienet l-iżjed pronta biex terġa' torganizza l-membri tagħha. L-intellettwali, partikolarment iż-żgħażagħ, huma n-nies li jħossuhom l-iżjed fgati flispirtu u ddiżgustati mid-dispotiżmu li qed isaltan. Ftit ftit, klassijiet oħrajn ikunu inevitabbilment miġbudin lejn il-moviment ġenerali.

Kwalunkwe moviment li ma jirnexxilux joħloq alleanza minn dawn il-forzi huwa kkundannat għall-isterilita; għax jekk jibqa' moviment ta' intellettwali biss ikun nieqes mill-forza ta' massa li hi neċessarja biex tegħleb ir-reżistenzi reazzjonarji, la jafda lill-klassi tal-ħaddiema u lanqas ikun fdat minnha; u anki jekk ispirat minn sentimenti demokratiċi, dawn faċli jiżżerżqu, quddiem id-diffikultajiet, għal fuq il-qiegħa tal-mobilitazzjoni tal-klassijiet l-oħrajn kollha kontra l-ħaddiema, jiġifieri lejn restawrazzjoni faxxista. Jekk iserraħ biss fuq il-proletarjat, ikun nieqes minn dak il-ħsieb ċar li jiġi biss mingħand l-intellettwali, u li hu indispensabbli biex wieħed jagħraf sewwa x-xogħol ġdid u t-toroq ġodda: jibqa' priġunier tal-klassiżmu l-antik, jilmaħ għedewwa kullimkien, u jiżżerżaq lejn is-soluzzjoni dottrinarja komunista.

Matul il-kriżi rivoluzzjonarja, dan il-moviment għandu jorganizza u jmexxi l-forzi progressisti, waqt li juża dawk l-organi popolari kollha li jissawru spontanjament bħala gruppi entużjasti li fihom jitħalltu l-mases rivoluzzjonarji, mhux biex joħorġu plebixxiti, iżda biex jistennew lil min jiggwidahom. Huwa jġib il-viżjoni u ċ-ċertezza ta' dak li jeħtieġ isir mhux bil-konsagrazzjoni minn qabel min-naħa tar-rieda popolari li għadha ma teżistix, iżda għax konxju li qed jirrappreżenta l-esiġenzi profondi tas-soċjeta moderna. B'dan il-mod jagħti l-ewwel direzzjonijiet lis-sistema l-ġdida, jagħti l-ewwel dixxiplina soċjali lill-

kotra bla direzzjoni. Permezz ta' din id-dittatura tal-partit rivoluzzjonarju jissawar l-istat il-ġdid, u madwaru d-demokrazija ġdida u vera.

M'għandux ikun hemm biża' li reġim rivoluzzjonarju bħal dan jispiċċa jsir dispotiżmu ġdid. Jiġrilu hekk jekk irawwem tip ta' soċjeta servili. Iżda jekk il-partit rivoluzzjonarju jibda joħloq b'id soda, sa mill-ewwel passi, il-kundizzjonijiet għal ħajja ħielsa, li fiha ċ-ċittadini kollha jistgħu tassew jieħdu sehem fil-ħajja tal-istat, levoluzzjoni tiegħu issir fid-direzzjoni ta' komprensjoni u aċċettazzjoni progressiva tal-ordni l-ġdid min-naħa ta' kulħadd, anki jekk jista' jgħaddi minn kriżijiet politiċi sekondarji, u għalhekk jimxi fid-direzzjoni ta' possibbilta dejjem akbar li jaħdem, li jġib istituzzjonijiet politiċi liberi.

Wasal il-mument li fih hemm bżonn narmu t-tagħbijiet qodma li saru ingombranti, li nżommu ruħna lesti għall-ġdid li ġej, li se jkun tant differenti minn dak kollu li wieħed kien ħaseb, niskartaw linkapaċi fost ix-xjuħ u nqajmu enerġiji ġodda fost iż-żgħażagħ. Illum li qed nibdew ninsġu n-nisġa tal-futur, infittxu u niltaqgħu ma' dawk li lemħu r-raġunijiet tal-kriżi preżenti taċ-ċivilta Ewropea, u li għalhekk jilqgħu il-wirt tal-movimenti kollha li jgħollu 'l fuq lill-umanita, li nkaljaw għax ma fehmux l-għan li jrid jintlaħaq jew il-mezzi biex jaslu għalih.

It-triq li rridu nimxu mhix ħafifa, lanqas ma hi fiż-żgur. Iżda rridu nimxuha, u hekk sa nagħmlu!

Altiero Spinelli – Ernesto Rossi

## Malta

### Spinelli's legacy and Malta

Joseph M. Brincat

Altiero Spinelli, a young communist, and Ernesto Rossi, a liberal economist who embraced English socialist ideals, wrote the *Ventotene Manifesto* in the summer of 1941 and two years later Eugenio Colorni published it secretly in Rome in July 1943, when the Italian capital was under Nazi occupation. The fact that it was written in a prison-island shows how a cramped and oppressive environment can sometimes inspire a broad vision of freedom. The three men had been sent over to the small island of Ventotene and interned with other opponents of the regime by Mussolini, which explains why the document is essentially a strong reaction to Nazi-fascist oppression.

In those days the political climate was dominated by a strong fear of dictatorial states and threatened by widespread poverty all over Europe. Hopes for solving the troubles of the times centred mainly around two contrasting ideals: the re-establishment of the democratic states and the international notion of communism under the guidance of the Soviet Union. Spinelli and Rossi conceived a third way forward based on the conviction that unity and freedom in all Europe could defeat Nazi-fascist racism. Professor Francesco Gui of the University of Rome "La Sapienza" stresses the fact that their *Manifesto* also forestalled the *Manifesto* of Marx and Engels by upholding the principle of freedom and by placing the human person at the "autonomous centre of life" so that the economy would be at the service of man and not the other way round. By blending socialist and liberal ideals they proposed the creation of a new revolutionary and federalist party that would establish itself strongly right after the fall of Nazi-fascism and before the reactionaries could recover.

After the Second World War disagreement between the progressive and the reactionary factions revolved around those who wanted to establish a European Federation immediately and those who preferred a long-term solution. It was the latter trend that found favour, but Spinelli never abandoned his ideal and kept on battling for a European constitution until the 14th February 1984 when the European Parliament approved the project of a treaty for the European Union which still bears his name. Spinelli died two years later.

In post-war Malta, a British colony, the fundamental issue was whether ties with Britain should be strengthened by integration or dissolved by

independence. For different reasons Altiero Spinelli does not seem to have had direct contacts with Maltese politicians. The Nationalist Party strongly embraced European ideals since its birth. In fact one of its early stalwarts, Ernesto Manara, had expressed the conviction that a European movement would stop wars between the various states (one of Spinelli's fundamental concepts) before the end of the 19th century. In the "Gazzetta di Malta" of the 20th April 1892 he wrote: "La formazione degli stati uniti d'Europa che oggi i governi e le classi dirigenti ritengono utopia, ..." and he therefore showed his adherence to Mazzini's vision and to the invocation in favour of the European Democratic Federation proclaimed at the first International Peace Congress held in Geneva in 1867. In colonial Malta that idea could not develop into action but the Nationalist Party used to see it as a step towards freedom from British rule. As it professed Christian Democratic ideals, the PN followed the steps of Schuman, De Gasperi and Adenauer rather than Spinelli's, who was linked to the parties of the left. On the other hand, the Malta Labour Party, in spite of its ideological affinity with Spinelli, does not seem to have cultivated direct contacts with Italian socialists because it preferred the English Labour model. Besides, since 1971, it upheld the ideal of peace in the Mediterranean, where Malta's role could be that of a bridge between Southern Europe and North Africa. Although it never openly declared a hostile policy against European Union, the MLP showed more scepticism than enthusiasm, especially when it shelved Malta's application for membership in 1996.

The Nationalist Party worked hard for closer ties between Malta and the European Union. On attaining independence in 1964, Prime Minister George Borg Olivier expressed the wish that Malta would join the Community (which had been founded and strengthened between 1955 and 1957), but he believed that so long as Italy was a member but Britain was not, Malta would have to face a difficult decision and so he opted for a step by step approach. In 1965 Malta joined the Council of Europe and in 1970 Borg Olivier signed the first treaty of association with the Community. Action towards full membership was mentioned by the Malta Council of the European Movement in 1975 and the trend gained ground when important bodies declared themselves in its favour, like the Chamber of Commerce in 1979, the Confederation of Trade Unions in 1981 and 1987, and the Federation of Maltese Industries in 1986. Under the leadership of Edward Fenech Adami the Nationalist Party increased its tempo and during the General Council of 1990 the political, economic and social implications of full membership were discussed. As a result a resolution was passed urging the Government to apply immediately for full membership of the European Comunity. However, in 1995 the Union left out Malta and Cyprus from the group of new members and in 1996 the Malta Labour Party was

elected and suspended the process. Membership of the EU became the prime issue of the 1998 elections, the Nationalist Party was brought back to power and discussions opened in 2000. On the 8th March 2003 a referendum was held and Malta became a member on the 1st May 2004. On the 1st of January 2008 Malta adopted the Euro and consequently entered the monetary union which had been mentioned in Colorni's preface of the *Manifesto of Ventotene*.